malta biennale .art 2024

Under the Patronage of His Excellency the President of Malta and unesco

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA**
VALLETTA, Malta, 21 ta' Marzu 2024

## Il-maltabiennale.art jippreżenta għadd spettakolari ta' padiljuni: Ċelebrazzjoni kulturali kollettiva!

Hekk kif infetħu beraħ il-bibien għall-maltabiennale.art, nixtiequ nħabbru l-ftuħ grandjuż ta' diversi padiljuni li se jkunu qed isaħħru lill-viżitaturi minn madwar id-dinja kollha.

Apparti l-Padiljun Prinċipali, hemm għadd ta' padiljuni nazzjonali u tematiċi li se jixħtu dawl fuq bosta temi distinti, b'ħarsa lejn l-ispettru rikk ta' espressjoni kreattiva minn artisti bi sfondi differenti.

Mit-toroq vibranti tal-Belt Valletta għall-veduti pittoreski tal-baħar fil-Kottonera, dawn il-padiljuni se jieħdu lill-viżitaturi fuq vjaġġ ħlejju madwar bosta siti storiċi ewlenin, f'esplorazzjoni inkwiżittiva li matul it-triq terġa' tagħti l-ħajja mill-ġdid lil ċerti stejjer u kunċetti.

Fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti – il-MUŻA – il-Padiljun Malti jesplora n-narrattivi differenti li jeżistu fi ħdan l-arċipelogu tagħna, b'uħud minnhom li huma konferma ta' sejbiet u oħrajn fantasija.

Jekk tmur fil-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija ftit passi 'l bogħod, issib ruħek fil-Padiljun Serb, li jwiegħed vjaġġ speċjali fl-essenza dejjiema tal-kreattività umana. Dan jagħmlu billi jiffoka fuq l-esperjenza li jaqsmu s-soċjetà Koreana u s-soċjetà Maltija, minkejja li maqtugħin minn xulxin, u billi jinstiga diskors kritiku dwar id-dimensjonijiet etiċi tat-teknoloġija riproduttiva permezz ta' arti vixxerali.

Fil-forti majestuż ta' Sant'Iermu, il-Padiljun Awstrijak joffri esperjenza trasformattiva li tħeġġeġ l-introspezzjoni, l-empatija, u l-impenn lejn futur iktar inklussiv u mimli kompassjoni. Il-Padiljun Franko-Ġermaniż jingaġġa fi djalogu mal-baħar u jikxef is-sigrieti qodma mistura fil-kristalli tal-melħ, filwaqt li l-Padiljun Ċiniż jagħti l-ħajja lill-kliem u r-ritratti. Il-wirja 'Other Geographies, Other Stories' tħeġġiġna nsaqsu jekk nistgħux noħolqu dinja ġdida b'ordni differenti, bl-inklużjoni tal-perspettiva femminili fl-istorja.

Malli taqsam il-mewġ iżraq tal-Port il-Kbir u tasal fil-Forti Sant'Anġlu, issib ruħek fil-Padiljun tal-Baħar, li b'ċerta ħila jilgħab u jesperimenta bl-identità akwatika ta' Malta. Fil-Birgu wkoll, fil-Palazz tal-Inkwiżitur, il-Padiljun Sqalli ta' Piazza Armerina jistudja forom ġodda ta' bilanċ bejn il-bniedem u n-natura permezz tal-mużajk.

Villa Portelli ġewwa l-Kalkara selfet l-ambjent kariżmatiku tagħha bħala tila għal erba' padiljuni nazzjonali oħra: tal-Ukrajna, tal-Italja, ta' Spanja, u tal-Polonja.

Dawn jesploraw in-narrattivi kumplessi tad-dekolonizzazzjoni u tal-passat imperjali li jaqsmu, id-dinamika tal-inklużjoni fi spazji marġinali, il-kunċett ta' identità f'dimensjoni multipla u plurali, u l-istorja biblika ewlenija ta' San Ġwann u l-mewt tiegħu f'idejn Salome permezz tar-rikontestwalizzazzjoni tagħha minn lenti kontemporanja.

Il-maltabiennale.art jistiednek biex tesperjenza l-maġija tal-padiljuni tiegħu u tibda dan il-vjaġġ mimli skoperti li se jibqa' f'moħħok u f'qalbek sa ħafna wara.

https://maltabiennale.art/pavilions/

*maltabiennale.art hija inizjattiva tal-Heritage Malta permezz ta' MUŻA, il-Mużew Nazzjonali tal-Arti, bi sħubija mal-Kunsill Malti tal-Arti. maltabiennale.art hija ppreżentata wkoll b'kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, mal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, mal-Ministeru ta' Għawdex, kif ukoll ma' Visit Malta, Malta Libraries, MCAST, Festivals Malta, L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta u Spazju Kreattiv. L-inizjattiva tinkludi s-sehem tal-Iskola tal-Arti Viżiva u Performattiva f'Malta, AUM, ŻfinMalta, KorMalta, Teatru Manoel, L-Orkestra Filarmonika ta' Malta, Franco La Cecla, IULM University Milan, id-Dipartiment tal-Istudji Umanistiċi, il-Fakultà tal-Arti u Turiżmu, id-Dipartiment tal-Wirt Kulturali ta' Taħt il-Baħar ta' Heritage Malta, id-Dipartiment Arkeoloġiku ta' Heritage Malta u l-Mużew Marittimu ta' Heritage Malta.*

*maltabiennale.art tista' ssibhom online:*
*Is-sit uffiċjali: www.maltabiennale.art*
*Facebook, Instagram, LinkedIn: @maltabiennale.art*
*Email: info@maltabiennale.art*

# PRESS RELEASE

VALLETTA, Malta, 21st March 2024

## Maltabiennale.art presents a spectacular array of pavilions: A collective cultural celebration!

As the doors swing open to reveal the wonders within, the much-anticipated maltabiennale.art proudly announces the grand opening of its diverse and captivating pavilions, set to mesmerize visitors from around the globe.

Alongside the Main Pavilion, several national and thematic pavilions spotlight distinct themes, showcasing the rich spectrum of creative expression of artists from diverse backgrounds.

From the vibrant streets of Valletta to the picturesque sea views of Cottonera, these pavilions take their visitors on a delightfully enlightening journey across various key historical sites, exploring, questioning, and re-inventing concepts and stories along the way.

At MUŻA – Malta's National Community Art Museum, the Malta Pavilion explores the different narratives which exist within our archipelago, confirming some as findings and others as fantasies.

A stroll down to the National Museum of Archaeology, promises a captivating journey through the timeless essence of human creativity in the Serbian Pavillion, a zooming-in on experiences shared by the seemingly unconnected Korean and Maltese societies, and the sparking of critical discourse on the ethical dimensions of reproductive technology through visceral artistry.

In the majestic Fort St Elmo, the Austrian pavilion offers a create a transformative experience inspiring introspection, empathy, and a commitment to shaping a more inclusive and compassionate future. The Franco-German Pavilion initiates a dialogue with the sea, uncovering the old secrets held within its salt's crystals, whilst the Chinese Pavilion breathes life into texts and images, and 'Other Geographies, Other Stories' poses the question of whether we can forge a new world with a different order, inviting a 'herstorical' viewpoint.

Across the Grand Harbour's azure waves, in Fort St Angelo, the Sea Pavilion skilfully plays with Malta's seaborn identity. In Birgu too, at the Inquisitor's Palace, the Sicilian Piazza Armerina Pavilion studies new forms of balance between man and nature, in a mosaic-fashion.

Villa Portelli in Kalkara lends its charming ambience as canvas for four more national Pavilions – Ukraine, Italy, Spain and Poland, exploring the complex narratives of decolonisation and shared imperial pasts, the dynamics of inclusion through marginal spaces, the concept of identity in a multiple and plural dimension, and the key biblical story of St. John and his death at the request of Salome, recontextualising it through a contemporary lens.

The maltabiennale.art invites you to experience the magic of its pavilions and embark on a journey of discovery that will linger in your heart and mind long after.

You can discover more on each of maltabiennale.art's pavilions by visiting this page: [https://maltabiennale.art/pavilions/](https://maltabiennale.art/pavilions/)

*maltabiennale.art is a Heritage Malta initiative through MUŻA, the Malta National Community Art Museum, in partnership with Arts Council Malta. maltabiennale.art is also presented in cooperation with the Ministries for Foreign and European Affairs and Trade, National Heritage, the Arts and Local Government, and Gozo, as well as with Visit Malta, Malta Libraries, MCAST, Festivals Malta, Valletta Cultural Agency and Spazju Kreattiv. With the participation of Malta School of Art, AUM, ŻfinMalta, KorMalta, Teatru Manoel, Malta Philharmonic Orchestra, Franco La Cecla, IULM University, Milan, Department of Humanities Studies, Faculty of Arts and Tourism, Underwater Department Heritage Malta, Archaeological Department Heritage Malta and Maritime Museum Heritage Malta.*

*maltabiennale.art is online:*
*Official website: www.maltabiennale.art*
*Facebook, Instagram, LinkedIn: @maltabiennale.art*
*Email: info@maltabiennale.art*